**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Direttur tal-Kummerċ

*versus*

Marie Louise Gatt

**Penali - Haddiema Studenti *Sponsored* mill-Gvern - Kondizzjonijiet ta' Impjieg mal-Gvern**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi sabet illi giet assunta obbligazzjoni minn impjegata li kienet* sponsored *mill-Gvern li ma gietx onorata u konsegwentement irrendiet ruhha responsabbli ghall-hlas ta' penali.*

Il-Qorti:-

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Jannar, 1996, ippronunzjat is-segwenti sentenza li biha laqgħet it-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallas penali dovuta fit-termini ta' skrittura ddatata 10 ta' Ġunju, 1985:

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur ippremetta illi *l-konvenuta naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet assunti* minnha skond skrittura ddatata 10 ta' Ġunju, 1985 (dok. A);

Premess illi għalhekk il-konvenuta hija debitriċi ta' l-attur *fis-somma ta'* elfejn lira Maltija (Lm2,000);

Premess illi għalkemm il-konvenuta ġiet interpellata biex tħallas dan l-ammont hija baqgħet inadempjenti (dok. B);

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara lill-konvenuta debitriċi ta' l-attur fis-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) peress li naqset mill-*obbligazzjonijiet assunta minnha fl-iskrittura ddatata 10 ta'* Ġunju, 1985;

Tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' elfejn lira *Maltija (Lm2,000) fuq imsemmija;*

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ddatata 4 ta' April, 1991 u bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata ta' l-attur a fol. 3;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Ottubru, 1993 a fol. 13;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 17, fejn eċċepiet:

Illi in linea preliminari, il-konvenuta għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li hija ma ffirmat ebda kuntratt ma' l-attur, il-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni ġie ffirmat bejn l-eċċipjenti u rappreżentant tal-Gvern ta' Malta;

Illi subordinatament l-azzjoni odjerna hija preskritta a bażi ta' l-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi bla preġudizzju għall-premess it-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-obbligazzjonijiet ta' l-iskrittura privata ddatata 10 ta' Ġunju, 1985, ma ġewx osservati u dana billi l-eċċipjenti ma ngħatatx xogħol adegwat u relatat mal-kwalifiki, studji u edukazzjoni li ħadet l-eċċipjenti;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat li ma sar ebda rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm2000 *ai termini* ta' skrittura ffirmata mill-konvenuta, dok. A. Charles Attard xehed li hu *Head* ta' l-*Administration* fid-Dipartiment tal-Kummerċ. Fl-10 ta' Ġunju, 1985, il-konvenuta kienet għamlet kuntratt fejn kien hemm stabbilit li hija kellha tagħmel kors l-Università u wara taħdem sentejn bħala *administrative officer* mal-Gvern. Hi spiċċat b'suċċess l-eżami bħala *accountant* fil-11 ta' Mejju,

1990 (ara dok. a fol. 28), iżda ma għamlitx is-sentejn stipulati fil-kuntratt;

Il-konvenuta qed teċċepixxi l-preskrizzjoni a bażi ta' l-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar azzjonijiet li jagħlqu bi preskrizzjoni ta' sentejn. Iżda fid-dikjarazzjoni tagħha hija ma ndikatx għal liema parti ta' dana l-artikolu qed tirreferi u għalhekk il-Qorti m'għandhiex tagħżel minflokha liema subartikolu huwa applikabbli;

Kif kienet sostniet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Mejju, 1956, fl-ismijiet **R. Cali *vs* Perit G. Galea**, Vol. XL, pt. I, p. 166, jekk l-eċċipjent ma jispeċifikax liema preskrizzjoni qed jinvoka, l-Qorti ma tistax tikkunsidraha. Għax il-Qorti tkun qed tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizjattiva;

Iżda għal kull buon fini, jekk il-konvenuta qed tirreferi għas-subartikolu (1) dana ma tapplikax peress illi l-azzjoni li għamel l-attur ma kinitx għall-ġbir ta' xi taxxi, dazji jew drittijiet ġudizzjarji, iżda għal penali li toħroġ minn kuntratt. (PA AJM 3.10.94 **Kummissarju tat-Taxxi Nterni *vs* Michael Camilleri**). Invece, il-preskrizzjoni applikabbli hija ta' ħames snin (ara sentenza **Direttur tal-Kummerċ *vs* Nathalie Scerri**, deċiża fit-30 ta' Novembru, 1995) u minn meta rriżenjat sakemm ġiet ippreżentata l-kawża m'għaddewx ħames snin. Għalhekk dina l-eċċezzjoni qed tiġi respinta kemm għax ma ngħatatx kif suppost kif ukoll għax mhix sostenibbli;

Il-konvenuta in linja preliminari ukoll eċċepiet li hija ma ffirmat ebda kuntratt ma' l-attur. Hi ffirmat il-kuntratt ma' rappreżentant tal-Gvern ta' Malta, dok. A. Għalkemm dana huwa vera iżda kuntratti bħal dawn isiru mill-Gvern għad-diversi dipartimenti tiegħu u li għalihom hu responsabbli;

Fil-meritu l-konvenuta eċċepiet li l-obbligazzjonijiet ta' l-iskrittura privata, dok. A, ma ġewx osservati mill-attur u dana billi hija ma ngħatatx xogħol adegwat u relatat mal-kwalifiki, studju u edukazzjoni li ħadet;

Skond il-kuntratt fuq imsemmi kien hemm żewġ obbligi distinti. Min-naħa waħda l-obbligu tal-Gvern li jżomm lill-konvenuta impjegata miegħu u jagħtiha xi xogħol waqt li qed issegwi l-kors l-Università u li kompli jħallasha u min-naħa l-oħra l-obbligu tal-konvenuta li meta jtemm il-kors b'suċċess hija tagħti sentejn servizz lill-Gvern;

Fil-fatt il-Gvern żamm l-obbligu tiegħu, iżda jirriżulta li l-konventua min-naħa tagħha ma żammitx l-obbligu tagħha. Hi kienet baqgħet taħdem mal-Gvern, ċjoè tagħmel il-*work phase* sakemm kienet għadha l-Università, allavolja skond hi, il-Gvern ma kienx qed jagħtiha xogħol adegwat, iżda meta temmet b'suċċess il-kors ma resqitx għax-xogħol biex tagħti dawk is-sentejn servizz li kienet obbligat ruħha li tagħti;

Il-konvenuta argumentat li meta hija kienet taħdem fid-Dipartiment tal-Gvern waqt il-*work phase* qabel iggradwat, hija ma kinitx tingħata xogħol biżżejjed u lanqas xogħol adegwat u relatat għal kwalifiki, studju u edukazzjoni li ħadet. Hi xedhet li kienet talbet li tieħu sena *unpaid leave* biex forsi s-sitwazzjoni tirranġa u l-Gvern jagħtiha xogħol adegwat, iżda minflok intalbet li tirriżenja, kif wara kellha tagħmel;

Jirriżulta li l-konvenuta kienet marbuta li meta tispiċċa l-kors b'suċċess tagħmel sentejn servizz mal-Gvern. Dana hija m'għamlitux. Hija ma setgħetx tgħid jekk il-Gvern kienx se jagħtiha xogħol adegwat u relatat jekk ma daħlitx għax-xogħol wara li ggradwat. L-argument tagħha li waqt il-*work phase*, qabel iggradwat, ma kinitx qed tingħata xogħol adegwat mhux

validu billi se mai messa rriżenjat dak iż-żmien. F'dak l-istadju l-attur kien obbligat li jżommha fl-impjieg tiegħu u jtiha xi xogħol. Bħala studenta l-konvenuta kienet biss qed taħdem għal perijodu limitat, u bħal ħafna studenti oħra dawna ma jingħatawx xogħol bħall-impjegati oħra li jkunu hemm *full time* is-sena kollha;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta naqset mill-obbligu tagħha li tagħmel sentejn servizz mal-Gvern u konsegwentement is-somma mitluba hija dovuta;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talba ta' l-attur bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuta";

Il-konvenuta appellat fuq dan l-aggravju:

Li l-Ewwel Qorti nterpretat erronjament il-kuntratt ta' l-10 ta' Ġunju, 1985, fir-rigward tal-pretensjoni tagħha li l-Gvern ma osservax l-obbligzzjonijiet minnu assunti fil-konfront tagħha;

Li l-provi juru li l-attur naqas li jipprovdi dik il-kwalità ta' xogħol li kienet intitolata għalih l-appellanti, anzi lanqas ingħatala ebda xogħol;

Il-Qorti ma daħlitx f'dan il-meritu imma sempliċement waslet għall-konklużjoni li l-Gvern żamm l-obbligi tiegħu li jtiha x-xogħol - xogħol li hi tinsisti li ma ngħatatx;

Din l-interpretazzjoni ġusta tal-ftehim kellha tkun li l-Gvern kien obbligat li jipprovdi lill-appellanti mhux biss xi xogħol imma xogħol adegwat u li jirrifletti l-progress u l-kwalifiki miksuba waqt il-kors ta' l-istudju;

Il-kuntratt kien wieħed bilaterali fis-sens li kien hemm obbligi fuq iż-żewġ kontraenti. Min-naħa waħda l-Gvern kellu jipprovdi xogħol kif fuq speċifikat waqt li l-appellanti kellha l-obbligu li tattendi għax-xogħol u wara li tispiċċa l-kors tagħha kellha tibqa' taħdem għal sentejn fil-kariga ta' *Administrative Officer*. Kien il-Gvern li kiser l-obbligazzjonijiet tiegħu u allura l-kuntratt ma kienx baqgħalu forza bejn il-kontraenti;

Dan l-appell hu nsostenibbli għaliex il-konvenuta appellanti bl-ebda mod ma ppruvat li l-eċċezzjonijiet tagħha kienu ġustifikati la fil-fatt u lanqas fid-dritt ikkunsidrat l-interepretazzjoni ġusta li kellha tingħata lill-ftehim ta' l-10 ta' Ġunju, 1985, li fuqu l-attur qed jibbaża t-talba tiegħu. Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet;

Ġie dibattut fit-trattazzjoni jekk l-*Undertaking for Government Sponsored Worker Students* kellux jitqies li kien kuntratt sinallagamatiku jew bilaterali kif qed tippretendi l-konvenuta fl-eċċezzjoni tagħha ossia wieħed unilaterali kif qed isostni l-appellat. Hu veru illi l-forma ta' *undertaking* kienet waħda ta' ftehim ossia obbligazzjoni unilaterali li fiha l-istudent li jidħol fl-iskema jobbliga ruħu meta jaċċetta n-nomina li jassumi ċerti obbligi speċifiċi favur il-Gvern taħt komminazzjonijiet preċiżi f'każ ta' inadempjenza da parti tiegħu. Fost dawn il-komminazzjonijiet hemm proprju l-ħlas tal-penali f'każ li l-istudent jagħżel li jittermina s-servizz mal-Gvern u li joħroġ mill-iskema qabel ma jkun temm il-kors jew f'każ li - bħal ma ġara f'din iċ-ċirkostanza taħt eżami - l-istudent jonqos li jonora l-obbligu tiegħu li jaħdem għal sentejn f'servizz mal-Gvern <u>wara</u> li jkun temm il-kors ta' studju b'suċċess. Mill-banda l-oħra però jekk l-istudent josserva sewwa l-obbligi tiegħu taħt l-*undertaking* ma jistax jingħad li dak il-ftehim iffirmat minn rappreżentant tal-Gvern ma jikkonferix fuq l-istudent <u>drittijiet</u> fil-konfront tal-Gvern fosthom dak li jitħallas adegwatament u kif stipulat għax-xogħol

li għamel. Sa hawn teżisti allura l-istess rabta kuntrattwali li teżisti bejn l-impjegat ċivili u l-Gvern li jimpjegah. Rabta li toħloq relazzjoni speċjali kif ippruvat fis-subinċiż (7) ta' l-artikolu 489 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dwar din ir-relazzjoni speċjali, din il-Qorti kellha l-okkażjoni li telabora f'sentenza oħra deċiża ukoll illum fl-ismijiet **Carmelo *sive* Charles Magri *vs* Kummissarju tal-Pulizija**. Il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet li għamlet f'dik is-sentenza sakemm dawn huma applikabbli għal din. Il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm ħtieġa li telabora oltre ħlief li tinnota li taħt dan l-aspett ma jistax jingħad illi l-*undertaking* taħt eżami ma kienx jippreżenta l-fattispeċje ta' ftehim bilaterali in kwantu jipprovdi għal *quid pro quo* ossia għall-korrispettiv għall-obbligazzjonijiet li student taħt din l-iskema jkun jassumi meta dan jadempihom;

Dan kollu però ftit li xejn għandu rilevanza għad-determinazzjoni tal-meritu ta' dan l-appell. Li hu invece determinanti hi din il-parti ta' l-*undertaking* li l-appellanti tiċċita bħala ġustifikazzjoni talli unilateralment iddeċiċidiet li tittermina l-ftehim li kellha:

*"I acknowledge that in accepting the nomination under the Worker Student Scheme, I shall receive such sums of money from public funds and be entitled to such employment at such salary or wage as is commensurate with the progress made and the qualifications obtained during the relative course of studies"*;

Il-ħlas tal-paga kien allura espressament relatat mal-progress li jkun għamel l-istudent fl-istudju u mal-kwalifiki li jkun akkwista bihom;

L-appellanti mhijiex qiegħda tilmenta la mill-grad ta'

impjieg li fiha nżammet kemm damet *student worker* u lanqas mir-remunerazzjoni li rċeviet f'dak iż-żmien. La qed tikkontesta l-ammont li rċeviet u lanqas li dan ma kienx jirrifletti l-kwalifiki li kienet akkwistat skond il-progress li kienet laħqet għamlet. Kienet invece qed tilmenta mill-fatt li ma kinitx ingħatat xogħol skond il-grad fl-impjieg li kienet tokkupa u li kienet titħallas għalih. Għalkemm wieħed jistenna li l-amministrazzjoni pubblika għandha sewwa tutilizza l-impjgati tagħha skond il-kapaċità u l-kwalifiki li għandhom, ma jistax jingħad li kien hemm xi obbligu li kellha hekk tagħmel jew li n-nuqqas f'dan ir-rigward ikun azzjonabbli jekk mhux f'każijiet estremi fejn tali nuqqas ikun qiegħed jarreka preġudizzju serju lill-impjegat li jmur oltre l-fatt biss li jkun qed jiġi mogħti doveri nferjuri għall-kapaċitajiet tiegħu. Ċirkostanzi dawn li fil-każ taħt eżami ma jokkorrux speċjalment meta wieħed jikkunsidra li hawn si tratta ta' studenti li kienu għadhom ma kkwalifikawx;

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi anke fattwalment, l-aggravju ta' l-appellanti ma jirriżultax sodisfaċentement ippruvat. Filwaqt li veru hu minnu li kien hemm xi żmien fir-raba' u l-ħames snin tal-kors li fih l-appellanti u sħabha ma ngħatawx xogħol approprijat, jidher li fl-ewwel tliet snin huma kienu kuntenti bix-xogħol li ġie lilhom assenjat. Jirriżulta ukoll li f'dawn l-aħħar sentejn l-istudji saru aktar impjenattivi u jidher li l-istudenti kienu attwalment jieħdu vantaġġ mill-fatt li ma tantx kienu jiġu mqabbda xogħol billi kienu jutilizzaw dak il-ħin għall-istudju. Għandu jingħad li ħadd minn sħab il-konvenuta appellanti li xeħdu ma ppretenda li kellu xi ġustifikazzjoni li unilateralment jirreċedi mill-ftehim minħabba l-inadempjenza allegata mill-appellanti f'din l-istanza. Anzi, fil-każ ta' waħda minn sħabha li bħala ddeċidiet li ma tathiex is-sentejn servizz lill-Gvern bħala *Administrative Officer*, wara li kienet temmet il-kors b'suċċess, din ħallset il-penali meta mitluba biex hekk tagħmel;

Din il-Qorti finalment tifhem illi d-dritt għall-impjieg (*employment*) li jkun jirrifletti l-kwalifiki ottenuti u l-progress fl-istudju kellu l-aktar ikun rifless fl-intenzjoni tal-Gvern li jimpjega lill-appellanti fil-grad ta' *Administrative Officer*, meta *tkun temmet il-kors b'suċċess. Hu f'diin l-eventwalità li wieħed* jista' proprjament jikkunsidra impjieg skond il-kwalifika ottenuta. Kien biss f'każ illi l-Gvern jonqos milli jonora dan l-impenn tiegħu minnu assunt fl-*undertaking* taħt eżami illi l-appellanti kienet tkun ġustifikata illi tavanza l-ġustifikazzjoni ta' l-inadempjenza da parti ta' l-attur appellat fuq dan il-kap. Però kif sewwa ssottometa l-appellat, l-appellanti ma tistax *tavanza lment ta' din ix-xorta għaliex hu ppruvat illi hi* abbandunat l-iskema ta' student ħaddiem qabel ma kienet temmet il-kors b'suċċess u kkwalifikat;

Din il-Qorti tasal għalhekk għall-konklużjoni bħall-Ewwel Qorti illi kienet l-appellanti li kienet inadempjenti fl-obbligi minnha assunti skond l-*undertaking* ta'l-10 ta' Ġunju, 1995, meta għażlet minn rajha għaliex hekk kien jaqblilha illi tirtira mill-iskema u proprju wara illi kienet akkwistat il-vantaġġi kollha tagħha u ċjoè impjieg waqt li kienet tistudja u ma onoratx l-obbligu kontrattwali tagħha illi tibqa' b'impjieg mal-Gvern għal sentejn wara li spiċċat il-kors ta' l-istudju b'suċċess. L-ammont f'penali irreklamat mill-attur hu għalhekk dovut mill-appellanti. "Il-klawsola ta' penali f'kuntratt hija klawsola li biha wieħed mill-kontraenti, sabiex jassigura l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni minnu assunta, jobbliga ruħu għal xi ħaġa għal każ li hu ma jesegwix l-obbligazzjoni li jkun assuma. Il-penali hekk kontrattata tirrappreżenta kumpens għad-danni minħabba n-nonesekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ..." (Vol. XLI.II.1108);

*Għal dawn il-motivi, l-appell hu miċħud u s-sentenza* appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.